

LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tas-7 ta' Mejju 2009****li temenda l-Linja Gwida BĊE/2000/7 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema****(BĊE/2009/10)**

(2009/391/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, partikolarment l-ewwel subinċiż tal-Artikolu 105(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 flimkien mal-ewwel subinċiż tal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 18 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tintlaħaq politika monetarja unika tenħtieġ definizzjoni tal-istrumenti u l-proċeduri li se jintużaw mill-Eurosistema, li tikkonsisti mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) tal-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem "l-Istati Membri parteċipanti") u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), biex b'hekk din il-politika tkun tista' tiġi implimentata b'mod uniformi fiż-żona tal-euro kollha.
- (2) Għandhom isiru emendi għal-Linja Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema ⁽¹⁾ biex jiġi permess l-aċċess għall-operazzjonijiet tas-suq ħieles u l-faċilitajiet permanenti tal-Eurosistema minn istituzzjonijiet ta' kreditu li, minħabba n-natura istituzzjonali speċifika tagħhom skont id-dritt Komunitarju, huma soġġetti għal skrutinju ta' standard paragonabbli mas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1***Emenda għall-Anness I tal-Linja Gwida BĊE/2000/7**

Fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima 2.1, it-tielet sentenza tat-tieni inċiż hi sostitwita b'dan li ġej:

"Minħabba n-natura istituzzjonali speċifika tagħhom skont id-dritt Komunitarju, istituzzjonijiet finanzjarjament sodi fit-tifsira tal-Artikolu 101(2) tat-Trattat li huma soġġetti għal skrutinju ta' standard paragonabbli mas-superviżjoni minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jiġu aċċettati bħala kontropartijiet. Istituzzjonijiet finanzjarjament sodi li huma soġġetti għas-superviżjoni mhux armonizzata minn awtoritajiet nazzjonali ta' standard paragonabbli mas-superviżjoni armonizzata UE/ŻEE jistgħu jiġu aċċettati wkoll bħala kontropartijiet, eż. friegħi ta' istituzzjonijiet stabbiliti fiż-żona tal-euro li għandhom is-sede prinċipali tagħhom barra ż-ŻEE."

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2009.

*Artikolu 3***Indirizzati u miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Din il-Linja Gwida hi indirizzata lill-BĊN tal-Istati Membri parteċipanti.
2. Sal-11 ta' Mejju 2009, il-BĊN imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jibagħtu lill-BĊE l-miżuri li permezz tagħhom bi ħsiebhom jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 7 ta' Mejju 2009.

*F'isem il-Kunsill Governattiv tal-BĊE**Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1.